MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Mandat Numru. 696/2008/1

**Philip Grima**

**vs**

**Knightsbridge Developments Ltd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet lid-difensuri jitrattaw.

Rat l-art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ikkunsidrat illi permezz ta` dan ir-rikors Philip Grima qed jitlob lill-Qorti zzomm lis-socjeta` intimata milli taghmel xogholijiet fuq il-linja divizjonali ta` proprjetajiet adjacenti li jappartjenu wahda lir-rikorrenti u l-ohra lis-socjeta` intimata.

Is-socjeta` intimata tilqa` ghal din it-talba billi tghid li x-xogholijiet ilhom xhur twal li nbdew, u li l-istess socjeta` qed tahdem skond demarkazzjoni gia` accettata mill-Qorti tal-Appell f`sentenza tal-2003.

Il-Qorti tikkonsidra li r-rikorrenti ma gab ebda prova sodisfacenti in sostenn ta` dak li qieghed jallega. Huwa ma rnexxielux jipprova li *prima facie* l-linja divizorja bejn il-proprjetajiet hija diversa minn dik immarkata A-B-C fuq il-pjanta annessa. Ma gab ebda prova, lanqas *prima facie*, li l-linja divizorja hija kif qed jallega hu, cioe` C-B-W-V.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti fit-8 ta` Mejju, 2008 u tichad it-talba definittivament.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------